**MALTA**

## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta 30 ta' Settembru, 2016

Talba Numru: 60/2016AM3

Numru fuq il-Lista: 2

**A.L.M. Enterprises Limited (C 8473)**
**129, Birkirkara Road,**
**St Julians**

**Vs**

**Reginald Abela (K.I. Nru. 628344M)**
**Victoria Mansions, Flat 5,**
**Trejqet ir-Regina Vittorja,**
**Tas-Sliema**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-25 ta' Frar, 2016 li permezz tieghu s-Socjeta` attrici talbet il-hlas ta' erbat elef tmien mija tlieta u sittin ewro u

tnax-il centezmu (€4,863.12) vat inkluz rapprezentanti kwantu ghal tlett mija u erbghin ewro u sebgha u sebghin centezmu (€340.77c) bilanc ta' prezz dovut ghal kiri tal-vettura tal-marka Hyundai Prime bin-numru tar-registrazzjoni EBK - 549 ghax-xhur ta' Marzu, 2013 u kwantu ghal bqija ghal prezz dovut ghal kiri tal-istess vettura ghal perjodu ta' bejn April, 2013 u Marzu, 2015.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra z-zewg noti ta' riduzzjoni tas-Socjeta` attrici li minnhom jirrizulta li l-bilanc dovut gie ridott ghal elf tlett mija u tlieta u sittin ewro u tnax il-centezmu (€1,363.12c) stante li fil-mori l-konvenut effetwa xi pagamenti.

Ra l-affidavit ta' Matthew Grech in rapprezentanza tas-Socjeta` attrici li permezz taghha kkonferma li l-bilanc gie ridott ghas-somma ta' elf tlett mija tlieta u sittin ewro u tnax-il centezmu (€1,363.12c) u l-imghax kif mitlub fit-talba.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf tlett mija u tlieta u sittin ewro u tnax-il centezmu (€1,363.12c) bl-imghax legali dekorribbli minn Marzu tas-sena 2014 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**

**Ġudikatur**